MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 326/2008

**Complete Supplies Limited (C 15472)**

**vs**

**Paragon Limited (C 34186)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sitt mija u ghaxar ewro u tmienja u tlettin centezmi (€610.38) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u imghax mid-data tal-fattura kontra s-socjeta’ konvenuta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-

anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Veronique Dalli fis-16 ta’ Gunju, 2008 u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------